# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 8**

**Rikors numru 235/2013 AGV**

**Joseph Sammut**

**v.**

**Ann Marie Sammut**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta dwar l-appell li ppreżenta l-attur minn dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja tat-28 ta' Novembru 2019 li biha kkundannatu jħallas:

> *"......... is-somma ta' €350 bħala manteniment għat-tifel minuri, li jinkludu l-ispejjeż edukattivi u tas-saħħa ordinarji, filwaqt li l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni straordinarji kif fuq identifikat għandhom jinqasmu bejn il-partijiet. Il-manteniment għandu jiżdied kull sena skond l-għoli tal-ħajja.*

*L-attur għandu jħallas ukoll is-somma ta' €1510 bħala arretrati tal-ammont ta' spejjeż straordinarji li naqas li jħallas l-attur".*

2. Il-partijiet iżżewġu fl-14 ta' April 2008 u fit-2 ta' Awissu 2008 twieled it-tifel minuri. Fil-11 ta' Novembru 2013 l-attur ippreżenta kawża ta' separazzjoni filwaqt li l-konvenuta wieġbet u ppreżentat rikonvenzjoni. B'nota preżentata fil-11 ta' Lulju 2016 l-attur irrinunzja għall-kawża. F'dak l-istadju kien fadal ir-rikonvenzjoni.

3. Għal dak li hu manteniment, mill-att jirriżulta li:

i. B'digriet tat-28 ta' Novembru 2014 il-Qorti ordnat li *pendente lite* l-attur iħallas manteniment għat-tifel fl-ammont ta' €250 kull xahar, oltre nofs l-ispejjeż ta' edukazzjoni u saħħa. B'dan li l-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

ii. B'digriet tat-18 ta' Marzu 2016 il-Qorti ordnat li *pendente lite* l-attur iħallas manteniment ta' €300 fi-xahar, somma li tinkludi fiha spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni ta' natura ordinarja. Ma' dak l-ammont għandhom jitħallsu wkoll nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni ta' natura straordinarja. B'dan li l-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

4. Fis-sentenza l-Qorti tal-ewwel grad qalet:

*"1. George Spiteri, in rapprezentanza tal-MFSA kkonferma li l-konvenuta tahdem bhala Clerk II. Kellha zieda fil-paga taghha u minn €9,600 il-paga ziedet ghal €10, 966. Tahdem 25 siegha, pero' dan b'ghazla taghha u dan peress li setghet tahdem bejn 30 u 40 siegha fil-gimgha wara sitt snin minn mindu tohrog bl-unpaid leave. Ighid li l-konvenuta kienet avzathom li riedet izid ghall-40 siegha fil-gimgha u għalhekk il-paga tiżdied pro rata (€10,966/25 x 40 = €17,545.60).*

*"2.HI, kien l-accountant tal-attur minn mindu beda jahdem fuq ix-xoghol ta' lavur u balavostri. Esebixxa l-Profit & Loss Report tal-attur ta' dawn l-ahhar erba' snin, minn fejn jirrizulta li l-bejgh tal-attur naqas minn €22,184 fis-sena 2010 ghal €9,778 ghas-sena 2013 u ghalhekk kien hemm tnaqqis ta' 56%. Jirrizulta li kien hemm tnaqqis fil-profitt ta' 50%. Ighid li dan jahdimhom fuq l-irċevuti fiskali li jkun ħareġ l-attur, kif ukoll l-irċevuti relatati mal-ispejjeż.*

*"Dwar il-profit and loss account, jispjega li jidher li l-introjtu tieghu huwa ta' €10, 000, izda jirrizulta li hallas €19,000 peress li kien issellef id-differenza minghand zitu JK u dan biex jehel anqas interessi u kien ghad fadallu jhallasha lura €5,000.*

*"Jikkonferma ukoll li minhabba t-tnaqqis tal-introjtu tieghu, l-attur kien kellmu li kien interessat li jibqa' jahdem bhala self-employed fuq bazi part-time, filwaqt li jibda' jahdem full-time billi jimpjega ruhu. L-attur gab provi tal-profit and loss statement tieghu ghas-sena 2017.*

*"3. Il-konvenuta kkonfermat li b'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 28 ta' Novembru, 2014 gie ordnat illi l-attur ghandu jhallas €250 fix- xahar , inoltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha. Tistqarr li l- attur qatt ma hallas dan il-manteniment u dan b'varjazzjoni ghad- digriet tat-13 ta' Gunju, 2013. In kontro-ezami, l-attur ighid li qed ihallas €310 fix-xahar bhala manteniment u dan jinkludi ukoll l- ispejjes edukattivi u tas-sahha. Ighid li ma kienx hallas spejjes ta' sahha u edukazzjoni li k jammontaw ghal €2,888.82 peress li skond l-ordni li ghandu l-manteniment li kien qed ihallas ikopri l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.*

*"Il-konvenuta tkompli tispjega li ghalkemm interpellat diversi drabi l-attur biex ihallas il-hlas dovut ta' manteniment, huwa ghadu ma hallasx l-ispejjes straordinarji ta' aktar minn sentejn u l-ispejjes ordinarji dovuti lill-konvenuta fir-rigward tal-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri li sal-ahhar ta' Marzu, 2015 kienu jammontaw ghal nofs l-ispejjes li hallset hi u cioe' €1, 365.50. Minn dawn kien hallas biss €100 u lanqas biss ma hallas l-gholi tal-hajja.*

*"Il-konvenuta tispjega li l-minuri jbati minn problema ta' eczema u ghalhekk dina l-kundizzjoni tirrikjedi spejjes kbar ta' medicini u kremiet sabiex ifejqu l-gilda.*

................

*"Kien hemm diversi digrieti fuq il-manteniment u mbaghad b'digriet datat 18 ta' Marzu, 2016 fejn gie ordnat illi l-manteniment pendente lite ghall-minuri Francesco huwa ta' €300 fix-xahar u l-istess ammont jinkludi l-ispejjes edukattivi u tas-sahha ta' natura ordinarja oltre nofs l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha ta' natura straordinarja. Il- manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.*

*"Il-konvenuta gabet provi li l-attur ma kienx qed ihallas l-ispejjes tal-edukazzjoni, li malajr l-attur ikkonferma minhabba l-fatt li l- manteniment li kien qed ihallas kien jinkludi fih l-ispejjes ordinarji tal-edukazzjoni u tas-sahha u ghaldaqstant ma kellux obbligu li jhallas aktar minn hekk. Effettivament, illum l-attur ighid li qed ihallas €310 fix-xahar sabiex ikopri z-zidiet tal-gholi tal-hajja.*

*"L-attur kien jahdem self-employed billi jahdem il-balavostri u xoghol ta' gebel iehor relatat, izda peress li d-domanda ghal dan it-tip ta' xoghol naqas kien spicca mpjega ruhu full-time u zamm is-snajja tieghu bhala part-time. Gab provi li l-introjtu naqas sostanzjalment, minkejja li ghandu diversi ammonti ta' flus fil-banek, kif ukoll xi investimenti barra minn Malta. Jippossjedi ukoll diversi vetturi. Ghaldaqstant dan ix-xenarju ma jiggustifikax l-ebda tnaqqis fl- ammont ta' manteniment imhallas u cioe' s-somma ta' €310.*

*"Gie ppruvat ukoll li l-konvenuta llum tahdem ukoll u ghandha paga ta' cirka €17,000 f'sena peress li tahdem erbghin siegha fil-gimgha.*

................

*"Il-punt in kontestazzjoni huwa li l-attur jinsisti li l-manteniment li qed ihallas jinkludi l-ispejjes tal-edukazzjoni u tas-sahha skond id-digriet tat-18 ta' Marzu, 2013 u ghandu jhallas nofs l-ispejjes straordinarji, filwaqt li l-konvenuta qed tinsisti li jghaddilha manteniment ta' mhux anqas minn €350 u ghandu jhallas nofs l-ispejjes edukattivi, tas-sahha u tal-attivitatjiet extra-kurrikulari.*

*"Saret prassi, in partikolari fis-separazzjonijiet konsenswali li jiddistingwu l-hlas ta' manteniment u l-hlasijiet ghall-ispejjes medici u edukattivi. Saret prassi ukoll li jmorru oltre minn hekk u jiddistingwu bejn spejjes ordinarji u straordinarji. Sfortunatament, il- ligi per se ma sservix ta' gwida biex wiehed jista' jiddentifika dak li huwa ordinarju jew le.*

.....................

*"Fil-gurisprudenza Taljana id-diversi Tribunali, flimkien mal-esperti legali waslu sabiex iddentifikaw diversi spejjes* ***ordinarji*** *u* ***straordinarji*** *sabiex iservu bhala gwida u jevitaw dizgwid bejn il- partijiet. S'intendi dawn il-gwidi qatt m'huma ser ikunu "exhaustive," pero' l-gurisprudenza rnexxielha tiddetermina linja ta' gwidi omogenji ta' x'jammonta ghall-*

*ispejjes ordinarji u straordinarji li huma ddentifikati bhala s-segwenti u din il-Qorti se taddotahom u taghmilhom taghha:-*

a) ***"spese relative alla salute"*** *u cioe' spejjes relatati mas-sahha tal-minuri. Bhala spejjes ordinarji dawn jikkonsistu fil-vizti li jsiru abitwalment ghand tabib jew pedjatra, inkluz l-injezzjonijiet (vaccinations) mehtiega skond il-ligi, kif ukoll ix-xiri ta' medicini ta' uzu komun. L-ispejjes straordinarji jikkonsistu fil-kura li ssir ghand dentista, ghand psikjatra jew counsellor, ghand l-okkulista, ghand il-fisjoterapista jew ix-xiri ta' nuccali jew contact lenses jew "brace" ghas-snien fost ohrajn.*
b) *"**Spese relative all'istruzione"** **–** u cioe' spejjes relatati mal-edukazzjoni tal-minuri. Bhala spejjes ordinarji jinkwadraw il- kotba tal-iskola, stationery u photocopies, spejjes relatati mal- attivitajiet skolastici, inkluz l-Muzew u spejjes relatati mal- uniformijiet. Bhala spejjes straordinarji jidhru l-private lessons, studju barra minn Malta inkluz l-Universita', repeaters, attendenza f'istituzzjonijiet privati jew attendenza ta' korsijiet specjalizzati kif ukoll attendenza relatata ma' summer school u spejjes relatati mal-istess.*
c) *"**Spese extra scolastiche"** - u cioe' spejjes extra-kurrikulari relatati mal-attivitajiet sportivi li jattendu l-minuri, jew attivitajiet kulturali bhal ballet u gymnastics jirrapprezentaw spejjes ordinarji.*

*"L-ispejjez straordinarji jinkludu fost ohrajn l-akkwist ta' kompjuter, is-servizi ta' babysitter, hrug ta' passaporti, spejjes relatati mal-Precett u Grizma.*

*"S'intendi diversi minn dawn l-ispejjes ma jirrikjedux il-kunsens ta' xulxin, pero' hemm spejjes ohra li ghandhom bzonn kunsens reciproku. F'dan il-kaz, il-parti m'ghandhiex tichad il-kunsens kapriccosament u dejjem ghandha thares l-interessi tal-minuri u fl- istess waqt il-parti l-ohra ghandha dejjem thares li l-istess spiza hija wahda ragjonevoli u mhux ezorbitanti u tinkwadra fil-mezzi tal-parti l-ohra.*

*"Il-konvenuta tinsisti ukoll li l-attur kien naqas li jhallas l-ispejjes tal-edukazzjoni u sahha skond id-digriet imsemmi u dan wassal għall-debitu ta' €2888.82. L-attur da parti tiegħu jirrifjuta li jħallashom peress li fil-fehma tiegħu dawn l-ispejjez ġew sodisfatti mal-ħlas tal-ammont tal-manteniment.*

*"Ghaldaqstant, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija u li llum l-konvenuta ziedet l-introjtu taghha, l-attur ghandu jhallas is-somma ta' €350 kull erba' gimghat u dan ghandu jinkludi l- ispejjes edukattivi u tas-sahha, filwaqt li l-ispejjes straordinarji ghandhom jinqassmu bin-nofs.*

*"Il-Qorti ezaminat ukoll il-pretensjoni tal-konvenuta ghas-somma ta' €2,888.82 u a bazi tad-distinzjoni li saret hawn fuq bejn spejjez ordinarji u straordinarji u fil-parametri tad-digriet tat-18 ta' Marzu, 2013 gie determinat li l-attur ghandu jhallas €1510 lill-konvenut bħala sehmu ta' nofs l-ispejjez straordinarji.*

*"Ghall-finijiet ta' dan il-kaz gie rilevat ukoll li l-minuri jbati bl-eczema u minhabba f'hekk il-konvenuta jkollha tixtri diversi medicini u kremiet bhala kura ghal din il-kundizzjoni. Dawn l-ispejjes gew ikkunsiderati bhala spejjes straordinarji. Wiehed japprezza ukoll l-argument tal-attur, li l-konvenuta ghandha polza ta' assikurazzjoni medika u ghalhekk mhix qed taghti l- kontribuzzjonijiet taghha, izda jekk dina ghandha dan il-vantagg offrut bhala parti mill-pakkett tal-impjieg taghha, hadd ma jista' jaghtiha tort u jlumha li tutilizzaha".*

5. Fir-rikors tal-appell l-attur ilmenta li l-manteniment hu eċċessiv minħabba:

i. Il-mezzi finanzjarji tiegħu;

ii. Komplessivament ġew allokati lill-minuri s-somma ta' €700 kull xahar oltre spejjeż straordinarji.

6. Ilment ieħor hu dwar is-somma ta' €1510 arretrati ta' spejjeż straordinarji li skont l-attur dejjem ħallas kif ordnat mill-Qorti.

7. Il-konvenuta wieġbet għall-appell u tat ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

<u>Konsiderazzjoni</u>

8. Il-fatt li l-Qorti tal-ewwel grad illikwidat is-somma ta' €350 bħala manteniment li għandu jħallas l-attur, ma jfissirx li b'daqshekk allokat is-somma ta' €700 bħala manteniment għall-minuri.

9. Għalkemm il-kontendenti t-tnejn jaħdmu, u mill-provi rriżulta li l-konvenuta taħdem mal-Awtorita` għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta fejn għandha paga gross ta' €17,545, ma jfissirx li b'daqshekk kull wieħed minnhom għandu jikkontribwixxi f'sehem ugwali.

10. L-attur isostni wkoll li l-qligħ tiegħu naqas b'56% bejn is-sena 2010 u l-2013. Madankollu, jekk dak hu minnu, dak hu irrilevanti meta tqis li s-sentenza ingħatat sitt snin wara (28 ta' Novembru 2019). Il-qligħ net li ddikjara matul l-aħħar erba' snin qabel is-sentenza tal-ewwel Qorti kien: 2014 - €10316; 2015 - €10375; 2016 - €11887; 2017: €17234; u 2018: €14342. Irriżulta wkoll li mis-sena 2014 beda jaħdem full time ma' Santa Katerina Construction Limited, sakemm waqaf f'xi żmien matul is-sena 2016. Minn dak l-impjieg kellu wkoll qligħ (fol. 632 – 636).

11. Il-qligħ li l-attur ddikjara mix-xogħol ta' lavur fuq il-ġebel hu ferm konservattiv meta tikkunsidra s-sengħa li għandu, u l-qligħ li ddikjara mix-xogħol li kien jagħmel għal rasu matul il-perjodu li kien qiegħed ukoll jaħdem full time mal-kumpannija Santa Katarina Construction Limited. Għalkemm isostni li minħabba raġunijiet ta' saħħa kellu jnaqqas il-ħinijiet tax-xogħol, ma ressaqx provi li l-problemi mediċi f'dahru ma jippermettulux li jaħdem b'mod regolari. Kull ma ppreżenta huma żewġ ċertifikati mediċi (datati 7 ta' Novembru 2016 u 19 ta' Settembru 2018)

qosra li m'humiex konfermati bil-ġurament, u għalhekk m'humiex prova tal-kontenut tagħhom.

12. Imbagħad fi tweġiba li ppreżenta fit-3 ta' Marzu 2016 iddikjara li kellu jieqaf minn self employed għaliex *"…. x-xogħol ta' lavur fuq il-ġebla sar rari ħafna"* (fol. 373). Pero` meta xehed ma spjegax x'wasslu sabiex jerġa' jiftaħ għal rasu full time u jitlaq l-impjieg li kellu, jekk kif qal dak it-tip ta' xogħol *"sar rari ħafna"*.

13. Min ikollu dak il-qligħ baxx li ddikjara l-attur bir-responsabbilta' li jmantni lil ibnu, ma jsuqx vettura Audi A5SE TDI li akkwista fi Frar 2016. Għalkemm l-attur xehed li ħadha bi ħlas ta' xogħol, ma ressaqx l-aħjar prova ta' dan.

14. Hu minnu li fil-parti dispożittiva tas-sentenza ma ntqalx jekk il-manteniment huwiex pagabbli kull xahar jew kull erba' ġimgħat. Madankollu fil-parti tas-sentenza fejn saru l-konsiderazzjonijiet dwar il-manteniment, jingħad espressament li, *"….. l-attur għandu jħallas is-somma ta' €350 kull erba' ġimgħat u dan jinkludi l-ispejjez edukattivi u tas-sahha, filwaqt li l-ispejjez straordinarji ghandhom jinqassmu bin-nofs".*

15. Bid-digriet tat-18 ta' Marzu 2016, il-Qorti ordnat lill-attur sabiex iħallas €300 fix-xahar li fiha hemm inkluż ħlas ta' spejjeż ordinarji relatati mal-edukazzjoni u s-saħħa. Inoltre l-Qorti ordnat li l-attur għandu jikkontribwixxi għal nofs l-ispejjeż straordinarji tal-edukazzjoni u saħħa. Jirriżulta li l-attur kien qiegħed iħallas il-manteniment, u m'hemmx provi ċari u konvinċenti li l-attur kien qiegħed ibati minħabba li kull xahar iħallas €300 manteniment. Skont l-isess digriet il-manteniment kellu jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Mill-kalkoli li għamlet il-Qorti, fl-2019 il-manteniment kellu jkun €312 kull ġimgħa.

16. Imbagħad fis-sentenza li ngħatat tliet snin wara, 28 ta' Novembru 2019, il-Qorti tal-ewwel grad ordnat li l-manteniment ikun €350 kull erba' ġimgħat, somma li fiha hemm inklużi l-ispejjeż ordinarji relatati mal-edukazzjoni u saħħa. Spejjeż li l-Qorti spjegat x'jinkludu fihom.

17. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżentat fl-ewwel stadju, l-attur iddikjara li l-manteniment għandu jkun mhux iktar minn dak diġa` stabbilit fid-digriet tat-18 ta' Marzu 2016, minkejja li jsostni li mhux ser ikun faċli li jħallsu.

18. Id-diskrepanza bejn il-manteniment stabbilit bid-digriet tat-18 ta' Marzu 2016 u dak tas-sentenza hi ta' €38 kull erba' ġimgħat, li jfissru kważi €500 fis-sena. L-attur għad għandu 39 sena u għandu sengħa li

minnha jagħmel negozju. Il-qorti mhijiex konvinta li l-qligħ li ddikjara hu dak reali. Biżżejjed jissemma kif per eżempju skond il-qligħ li ddikjara, fl-2018 kull ma kien għad fadallu kien €1200 fix-xahar. Il-qorti ma temminx li wara dawk is-snin kollha ta' xogħol, l-attur qiegħed jaħdem għal rasu għal dak it-tip ta' qligħ. Hu veru li l-attur isostni li l-ħin ta' xogħol tiegħu hu limitat minħabba l-kundizzjoni medika li għandu, iżda l-qorti mhijiex sodisfatta mill-provi li tressqu f'dan ir-rigward. Prova li kellha ssir mill-attur b'mod tali li tikkonvinċi lill-qorti. Ħaġa li m'għamilx.

19. L-attur ilmenta wkoll li l-ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni li l-minuri hu kopert b'polza tas-saħħa minħabba tal-fatt li dik il-polza hi parti mill-pakkett tal-impieg li għandha l-konvenuta mal-Malta Financial Services Authority. Pero` mhuwiex magħruf eżatt x'qiegħda tkopri l-polza.

20. Fir-rigward tas-somma ta' €1,510 arretrati ta' spejjeż straordinarji li l-attur jgħid li dejjem ħallas kif ordnat mill-Qorti, m'għamilx prova tal-ħlas. Prova li kienet tispetta lilu. Meta xehed in kontro-eżami (seduta 28 ta' Novembru 2018) mistoqsi għalfejn ma jħallasx l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tat-tifel, wieġeb *"..... għax il-manteniment jinkludi saħħa u edukazzjoni"*. Pero` kif rajna s-somma ta' €300 ma kinitx tinkludi spejjeż straordinarji ta' saħħa u edukazzjoni.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr